MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 4/2002/1

**Prof. Robert GHIRLANDO għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Il-Kaptan Khaled Mohammed ELSAYED ELBELASSY għan-nom u in rappreżentanza tal-bastiment *Marwa M*, u għan-nom u in rappreżentanza tas-sidien tiegħu Mohammed Abdullah Hassan, Mohammed Nagi Farag Sarhan u *Amazing Sail Navigational***

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta'Jannar, 2002, li bih l-attur *nomine* ippremetta:

Illi fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2001, il-bastiment MARWA M kien qiegħed f'post projbit fil-fliegu bejn Malta u Kemmuna;

Illi meta fil-25 ta’ Novembru dan l-istess bastiment ġie biex jitlaq u waqt li dan l-istess bastiment kien qed jipprova jtella’ l-ankra tiegħu instab li dan ma setgħax jagħmel hekk għaliex l-ankra tal-istess bastiment kienet maqbuda ma’ cable tal-elettriku li tinstab taħt il-baħar u li tissupplixxi lil gzira ta’ Għawdex;

Ili minħabba dan u waqt li kienu qegħdin isiru dawn il-manuvri mill-bastiment saru danni sostanzjali lil din l-istess cable tant illi l-Gzira ta’ Għawdex sfat bla dawl;

Illi d-danni li saru lil dn il-cable huma inġenti;

Illi dan id-dannu lil cble seħħ minħabba azzjoni u/jew inazzjoni, u/jew it-tort, u/jew in-negligenza, u/jew nuqqas ta’ diligenza, u/jew l-inosservanza tar-regoli tat-tbaħħir, tal-marki u notizzji u “charts” marittimi, da parti tal-bastiment Marwa “M”, u s-sidien tiegħu;

Illi l-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom huma responsabbli għall-ħsarat sofferti mis-soċjeta’ attriċi;

Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta’ attriċi sofriet danni konsiderevoli ikkawżati minn u b’tort tal-konvenuti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-bastiment MARWA M u s-sidien tiegħu huma responsabbli għad-danni ikkawżati lis-soċjeta’ attriċi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta’ attriċi jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominati;

4. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom iħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ Qbid u ta’ impediment ta’ partenza tal-bastiment MARWA M, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine,* flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-imħarrek *nomine*, notifikat kif imiss b’kopja tal-att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fl-24 ta’ Jannar, 2002[1], naqas li jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi, u kif ukoll li jidher jew imqar ikun rappreżentat kull meta ngħajtet il-kawża, u b’hekk baqa’ kontumaċi;

Rat id-Degriet tagħha tat-28 ta’ Frar, 2002, illi bih ħatret lill-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi bħala Assistant Ġudizzjarju tagħha biex tiġbor il-provi tal-attur *nomine*;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-26 ta’ Marzu, 2002[2], li fih l-attur *nomine* iddikjara li kien għalaq il-provi tiegħu u talab lil-Qorti tgħaddi għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta’ Marzu, 2002, li bih ordnat li kopja tradotta tal-imsemmi verbal tiġi notifikata lill-imħarrek li wkoll ġie mogħti żmien biex iressaq Nota ta’ Sottomissjonijiet għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija attriċl fid-19 ta’ April, 2002, biex titħalla tressaq xi dokumentazzjoni oħra, liema talba ntlaqgħet bid-Degriet tagħha tat-23 t’April, 2002;

Rat id-Degriet tagħha tas-17 ta’ Mejju, 2002[3], li bih awtorizżat il-bdil fl-isem kif mitlub bir-rikors tal-kumpannija attriċi tad-9 ta’ Mejju, 2002;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fl-24 ta’Ġunju, 2002[4], li biha hija ċediet it-talbiet tagħha fil-konfront tal-

[1] Riferta, pa[. 7*tergo* tal-pro`ess
[2] Pa[[. 16-7 tal-pro`ess
[3] Pa[. 24 tal-pro`ess
[4] Pa[. 27 tal-pro`ess

imħarrkin Abdullah Hassan, Farag Sarhan u Amazing Sail Navigational, imma żammet sħaħ il-pretensjonijiet tagħha kontra l-bastiment *Marwa M*, kif rappreżentat mill-imħarrek Elsayed Elbelassy;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat illi l-imħarrek *nomine* ma ressaq l-ebda sottomissjoni u lanqas talab li l-Qorti tieqaf milli tgħaddi għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni li l-kupannija attriċi qegħda tgħid li ġarrbet bi ħtija tal-imħarrek *nomine* meta, fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru, 2001, il-bastiment *Marwa M* li kien f'inħawi li ma kellux ikun fihom fil-fliegu ta' bejn Malta u Għawdex, kaxkar u ġibed miegħu *cable* tal-elettriku bl-ankri tiegħu u għamel ħsara kbira lill-istess *cable*. Minħabba f'hekk, inqatgħet il-provvista tad-dawl għal Għawdex;

Illi għalkemm, kif ingħad, l-imħarrek *nomine* naqas li jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet u jikkontesta x-xiljiet magħmulin mill-kumpannija attriċi kontra tiegħu, huwa meħtieġ li, qabel jitqiesu t-talbiet attriċi, jiġu msemmija l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti tal-kawża. Jirriżulta[5] li l-ħsara ġrat fil-medda tal-*cable* li tinsab taħt wiċċ il-baħar bejn Malta u Kemmuna, ftit lil hinn mill-irdum tal-Iskoll tal-Abjad. Fil-25 ta' Novembru, 2001, għall-ħabta tad-9.25 ta' fil-għodu, irriżulta qtugħ ta' dawl f'ċirkwit tal-Power Station tal-Marsa li jipprovdi dawl elettriku għal Għawdex. Dak inhar stess il-kumpannija attriċi qabbdet niex biex jistħarrġu l-kawża ta' dan u nstab illi kien hemm bastiment

[5] Ara affidavit ta' Ronald Vella, 21.3.2002, li jag]mel parti mid-Dokument AF (pa[[. 5-7)

qrib fejn kienet tgħaddi l-medda tal-*cable*. Għaddasa mqabbdin minnha lemħu l-ankra tal-bastiment imħabbla mal-*cable*[6]. Il-Qorti rat ukoll reġistrazzjoni ta' *video*[7] ta' madwar sbatax-il minuta miġbud minn Raniero Borġ[8] li juri kif l-ankra nqabdet mal-imsemmi *cable*. Jidher ċar li l-ilqugħ (*lead sheath*) huwa perforat jew miksur f'għadd ta' bnadi għal tul ta' madwar tletin (30) metru. L-ankra tidher taqbad lill-*cable* minn taħt bħal meta xiħaġa titkaxkar ma' oġġett li jidħol fin-nofs ta' mixja tagħha;

Illi l-kumpannija attriċi talbet lid-ditta fornitriċi tal-*cable* tgħidilha jekk il-*cable* setax jissewwa. Din wieġbet fin-negattiv, u dan minħabba l-fatt li daħal l-ilma baħar fil-qalba tal-*cable*, u min-natura u d-daqs tal-ħsarat li ġarrab. L-istess fehma ntweriet minn espert ieħor fil-qasam imqabbad mill-kumpannija attriċi, li wkoll fisser ir-raġunijiet li għalihom ma kienx għaqli li l-*cable* jissewwa minflok jinbidel għal kollox[9]. Il-kumpannija attriċi kellha titlob stima għal tqegħid ta' *cable* ieħor. Din l-istima ngħatat, u l-ispiża titla' għal kważi żewġ miljun Euro, ekwivalenti għal disa' mija u wieħed u għoxrin elf tliet mija u erbgħa u għoxrin lira Maltija (Lm 921,324), li tinkludi t-Taxxa ta' Valur Miżjud[10];

Illi l-bastiment *Marwa M* instab wieqaf fil-Fliegu ta' Kemmuna fil-jum li fih il-*cable* ġarrab il-ħsarat[11], u dan meta fl-ebda parti minnu m'huwa permess li bastiment jixħet l-ankri[12]. Inġiebu provi wkoll li juru li l-bastiment kellu tul li jaqbeż il-ħamsin metru, li jtajjar il-bandiera tas-Saltna tat-Tonga, u li l-imħarrkin huma s-sidien reġistrati tiegħu[13];

---

[6] Ara xhieda bl-affidavit ta' Andrew Caruana, 20.3.2002, li tag]mel parti mid-Dokument AF (pa[[. 22-3) flimkien ma' bosta ritratti mi[budin fuq il-post

[7] Dok RB

[8] Ara xhieda bl-Affidavit ta' Raniero Bor[, 20.3.2002, li tag]mel parti mid-Dokument AF (pa[. 32)

[9] Dikjarazzjoni ma]lufa ta' Mark Coates, 13.3.2002, li tag]mel parti mid-Dokument AF (pa[[. 11-4)

[10] Dok "A" mal-imsemmi affidavit ta' Ronald Vella; u Affidavit tal-attur *nomine* tal-21.3.2002, li wkoll jag]mel parti mid-Dokument AF (pa[. 9)

[11] Ara xhieda bl-affidavit ta' Charles Borda, 20.3.2002, li tag]mel parti mid-Dokument AF (pa[[. 19-20)

[12] Ara xhieda bl-affidavit tal-Kaptan Richard Gabriele, 14.3.2002, u d-Dok "RG1" li jag]mlu parti mid-Dokument AF (pa[[. 16-7), fejn hu muri `ar li lanqas m'huwa permess tba]]ir ta' bastimenti kummer`jali jew li huma 'l fuq minn ]amsin metru tul

[13] Dokti "AF10" u "AF20", f'pa[[. 20-1 tal-pro`ess

Illi wara li ħarġu l-Qorti sejra tgħaddi għal eżami tal-**aspetti tad-dritt** li jirrigwardaw il-każ preżenti. Fil-qasam tal-liġi ċivili dwar id-delitti, il-prinċipju hu li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[14], sakemm ma tippruvax li dik il-ħsara kienet kawżata minn aċċident jew forza maġġuri[15]. L-aċċident jew il-forza maġġuri m'humiex preżunti, u għalhekk, kieku jiġu allegati, jeħtieġ li jiġu ippruvati minn min jallegahom. F'dan il-każ, ma saret l-ebda allegazzjoni bħal din;

Illi kull min f'għamilu ma jużax il-prudenza, l-għaqal jew il-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, jitqies ħati ta' l-konsegwenzi kollha ħżiena li jseħħu minħabba għamil bħal dak[16]. Kemm hu hekk, il-liġi trid li kull min, bilħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel deni jew inkella jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser dmir impost mil-liġi, irid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[17]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, intwera sewwa li l-post fejn trakka l-bastiment imħarrek u saħansitra fejn baħħar kienu nħawi fejn dak il-bastiment m'hux suppost li kien. Din il-projbizzjoni tirriżulta minn mapep tan-navigazzjoni internazzjonali li għandhom marki u indikazzjonijiet ċari tal-limitazzjonijiet u tal-projbizzjonijiet f'inħawi partikolari ta' l-ibħra navigabbli. Kull bastiment huwa meqjus li jkollu dawn iċ-"*charts*" abbord. In-nuqqas ta' dawn il-pjanti jew in-nuqqas ta' ħarsien tagħhom waqt vjaġġ huma xhieda ta' traskuraġni li taqa' sewwasew fil-parametri tar-responsabbilta' delittwali ta' min allura jikkawża ħsara minħabba dak in-nuqqas;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ħsara mġarrba mill-kumpannija attriċi , il-Qorti hija soddisfatta li l-għażla li l-kumpannija tibdel il-*cable* minflok issewwih m'hijiex waħda kapriċċuża. Ingħataw raġunijiet tajba biżżejjed biex juru li m'huwiex għaqli li ssir it-tiswija ladarba, fil-fehma ta' nies esperti, dan ikun ifisser il-probabbilta' li ttiswija tkun biss rimedju palljattiv u mhux garantit li jsib tarf tal-problemi li jistgħu

[14] Art. 1031 tal-Kap 16
[15] Art. 1029 tal-Kap 16
[16] Art. 1032(1) tal-kap 16
[17] Art. 1033 tal-kap 16

jinqalgħu ‘l quddiem minħabba l-ħsara li diġa’ saret minħabba t-tnixxija tal-ilma baħar fil-qalba tal-*cable*. Dan kollu qiegħed jingħad b’riferenza għall-prinċipju li, f’każijiet ta’ danni, l-imġarrab għandu jagħmel dak kollu meħtieġ li jċekken il-ħsara li jkun bata u mhux ikabbarha;

Illi għar-rigward tal-fehmiet imfissra, huwa minnu li dawn inkisbu minn xiehda *ex parte*, imma meta l-Qorti qieset ir-reqqa u l-loġika tal-fehmiet imfissra, u meta rat il-kwalifiki li l-persuni li tressqu b’xhud iħaddnu fil-qasam rispettiv tagħhom, issib li dik ix-xhieda hija ammissibbli u ta’ min joqgħod fuqha[18]. Ma kienx għaqli li l-Qorti tgħaddi biex taħtar esperti oħrajn biex jikkonfermaw dawk il-konklużjonijiet, bla ma tkun qegħda b’daqshekk iżżid l-ispejjeż bla bżonn;

Illi dan kollu jwassal għall-konklużjoni li l-kumpannija attriċi seħħilha turi li l-azzjoni tagħha hija msejsa kif imiss fil-liġi, u li l-ħsara li ġarrbet għandha dritt titlob li tiġi kumpensata għaliha. Seħħilha turi wkoll li għal din il-ħsara jridu jwieġbu l-imħarrkin. Imma, minħabba li l-kumpannija attriċi, fi stadju inoltrat tal-kawża, għażlet li ċċedi l-atti kontra s-sidien, din il-Qorti m’għandhiex għażla oħra għajr li tgħabbi bir-responsabbilta’ lill-bastiment imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tastjeni milli tqis l-azzjoni attriċi** fil-konfront tal-imħarrkin Mohammed Abdullah Hassan, Mohammed Nagi Farag Sarhan u d-ditta Amazing Sail Navigational, u dan fid-dawl tan-Nota ta’ Ċessjoni mressqa dwarhom mill-kumpannija attriċi;

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-Korporazzjoni Enemalta ġarrbet ħsara bl-inċident li seħħ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru, 2001, fil-*cable* tagħha ta’ taħt il-baħar fil-Fliegu ta’ Kemmuna, meta l-bastiment imħarrek *Marwa M*

[18] Art. 563A tal-Kap 12

xehet l-ankri tiegħu u kaxkar il-*cable* tal-elettriku u kkawżalu ħsarat kbar;

**Tilqa' t-tieni talba**, imma biss fil-konfront tal-bastiment imħarrek *Marwa M*, u tiddikjara lill-istess bastiment ħati tal-ħsarat imġarrba mill-Korporazzjoni attriċi fl-imsemmi inċident;

**Tilqa' t-tielet talba**, u qegħda tillikwida l-ħsara mġarrba mill-Korporazzjoni attriċi fis-somma ta' disa' mija u wieħed u għoxrin elf tliet mija u erbgħa u għoxrin lira Maltija (Lm 921,324);

**Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-bastiment imħarrek iħallas lill-korporazzjoni attriċi s-somma ta' Lm 921,324 l-ammont hekk likwidat bħala danni; u

**Tikkundanna** lill-istess bastiment imħarrek *Marwa M* Iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, għajr dawk tal-imħarrkin li dwarhom l-atti tal-kawża ġew ċeduti, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**3 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**3 t'Ottubru, 2002**